# DWEJJAQ SIEKTA

Hemm waqtiet f'ħajjet il-bniedem li fihom dan jixtieq li tintemm għalih il-ħajja, li s-sema jkollu ħniena minnu u jiġbru jew aħjar li qatt ma ra d-dawl. F'dawn il-waqtiet il-bniedem ma jħossx fih għajr dwejjaq siekta, li mhux biss ma jħallu ebda ħajr fih li jagħmel xogħol ta' siwi u ta' fejda, kemm għar-ruħ kemm ukoll għall-ġisem, imma jxejnu fih kull gost jew għaxqa hekk li l-anqas ikun biss irid jara jew jisma' b'xejn. F'dawn il-waqtiet hekk ta' niket, li qed insemmu, fil-bniedem taqa' ħemda u sikta kbira; dan iġarrab dwejjaq moħbija bħal dawk li jixrob min tmissu x-xorti li jitlef lil xi wieħed minn dawk li qalbu tgħożż. Ma x'jien ngħid, dan għandu għaliex jisgħobih u jitnikket, iżda l-ieħor għaliex? Għalfejn jew għaliex qed iġarrab dan l-imrar? Jekk nistaqsu lilu stess igħidilna: ma naix; jekk titħajjar tgħidlu jtajjar ħsibijietu fuq ħaġ'oħra, l-anqas ikellmek iżjed, għax donnu jħoss li qed ittelliflu l-għaxqa li qed isib fl-istess dwejjaq.

Fl-istess dwejjaq li jaqgħu fuqek bħal ma d-dlam jaqa' fuq wiċċ l-art mingħajr ma tinduna, il-bniedem donnu jsib il-mistrieħ tiegħu. Ħsieb ma jfittix, xejn ma jiġbdu għajr l-istess dwejjaq. Taqa' fuqu bħal telqa mhux f'ġismu imma f'ruħu, hekk li tifni u tħalli bla setgħa kull ħsieb, xewqa jew għaxqa. F'dawk l-istess

ħwejjeġ li dari jew ukoll ftit qabel kienu jitfgħuh fil-ħsieb jew fl-għaxqa, issa f'dan il-waqt id-dwejjaq siekta jgħaddu minn quddiemu bħal kalamita qawwija bla saħħa. Il-ħsieb li fih jintilef il-bniedem milqut minn dad-dwejjaq siekta ma jagħmilx għajr jifrex bħal star ma' dwar moħħu hekk li jġibu għama b'għajnejh miftuħa. O x'waqtiet, kif jista' jfisser jew biss jifhem min qatt ma ġarrabkom? La waqtiet bħal dawn ma ġarrabhomx kullħadd, għalhekk huwa minn awl-id-dinja li mhux kullħadd jifhimni nitħaddet. Hawn min l-anqas biss qatt ħolom b'waqtiet ta' din l-għamla. Imbierek il-bniedem li ma jafx għax qatt ma ġarrab dad-dwejjaq siekta li jien ġie li kelli nitgħabba bihom min jaf kemm u li għal ftit ma ġiex li waqajt taħt it-toqol tagħhom. Mhux b'daqshekk nisħet ħajti jew ngħir għal ħaddieħor —lè. F'dawn id-dwejjaq qatt ma tħoss il-qtigħ il-qalb ma tixtieq u tfittex il-waqt xieraq biex tiftaħ qalbek. Jasal il-waqt xieraq u qalbek ma tħossx qawwa biex tistrieħ billi turi d-dwejjaq tagħha. L-aħjar li tħoss li tiftaħ qalbek miegħek innifsek.

Nistħajjel li l-imsejken qarrej iddejjaq jisma' bi dwejjaq, l-iktar jekk qatt ma ġarrabhom. Nagħdru jew aħjar nitolbu jagħdirni. Ma' dawk li ġarrbu dawn id-dwejjaq siekta ħadd ma jmerini li jsibu l-għaxqa tagħhom jaqraw u jiftakru fihom. Il-fakra f'dawn il-waqtiet kiefra, hija biex ngħid hekk, ħelwa għalihom. Jiftakru kemm drabi raw il-frugħa tad-dinja, il-ħmerija tal-ħajja u t-tqabbil ta' ħajjithom ma' ħajjet ħaddieħor. Nistħajjel, għax hekk ġie x'igħidli f'moħħi, li xi ħadd minn dawk li qatt ma ġarrbu dis-sura ta' dwejjaq jaħseb u jitħajjar ixebbaħhom mad-dwejjaq li fnew u fl-aħħar temmew ħajjiet iż-żgħażugħ poeta magħruf ingliż Keats. Qishom u m'humiex. Id-dwejjaq ta' dan kellhom fuqiex jinbnew u jissejsu, ma d-dwejjaq ta' din l-għamla u s-sura, jiġu fuqek u jitilquk u la tinduna bil-wasla u l-anqas bit-telqa tagħhom. Dwejjaq siekta, ħiemda u bla sisien.

Naf żgur li jekk ma jagħdirni ħadd, jagħdirni min ġarrab dat-toqol u min xorob minn dit-tazza ta' l-imrar.

Karm. Fenech.